Fit-Tribunal Industrijali

Fil-kwistjoni tax-xoghol

Bejn

Christopher Carabott

Vs

Vivian Corporation Ltd

Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ngusta.

Kaz Nru 1523

Sentenza Nru 1582.

Illum 04 ta' Frar 2005.

Chairman: Dr Joseph. P. Bonnici LL.D

**Introduzzjoni:**

Illi b' ittra datata 24 ta' Marzu 2001 l-appellant talab lill Onor Ministru tal-Politika Socjali sabiex jirreferi l-kaz tieghu lil dan it-Tribunal, liema referenza saret b'ittra datat 3 ta' April 2001.

**Dikjarazzjoni:**

Illi l-appellant gie impjegat mas-socjeta intimata b' kuntratt ghal zmien ndefinit datat 1 ta' Settembru 1997. Kien gie appuntat medical representative tas-socjeta estera Whitehall Int Inc.

Sussegwentement gie appuntat ukoll 'Managing Apothecary' tas-societa intimata relattivament ghal 'Medicin narkotici' kif ukoll il 'qualified person' mad-Dipartiment tas-Sahha. Aktar tard anki dwar prodotti veterinarji. Fil-24 ta' Novembru

2000 gie infurmat li d-ditta minn rapprezentata kienet ser tibda taghmel ix-xoghol hija stess u ghalhekk gie dikjarat ' redundant'

Da parti taghha is-socjeta intimata allegat illi minhabba l-agir tal-principal esteru taghha, ma kienx hemm aktar lok ghall-impjieg tal-appellant u l-post tieghu kien gie superfluwa ghal htigijiet tal-kumpanija.

**Konsiderazzjonijiet:**

Illi jibda biex jinhad illi il-fatt li s-socjeta intimata tat raguni ta' redundancy bhala terminazzjoni ma jezonevax lit-Tribunal mill- giunsdizzjoni tieghu. Trid tigi pruvata sabiex tirnessi: Una volta giet minnha sollevata, l-aness kien tingombi fuqha. Gie sottomess li l-appellant gie impjegat bi skop uniku biex imexxi prodotti ta' kumpanija specifika ossia Whitehall. Per via discorrendo gew minnhu assunti diversi oneri amministrattivi fil-konfront tal-awtoritajiet lokali li jirregolaw l-ispacc tal-medicina. Il- principal esteru ma kienx sodisfatt bil-performance tieghu f' Malta, u rtira is-support amminstrattiv u finanzjaru tieghu fil-konfront tal-appellant. Rinfacjat b'din s-sitwazzjoni, s-socjeta ntimata ma kelliex alternattiva ohra. F'dan is sens xehedu Joanne Cremona, Vivian Gatt u David Cremona.

Illi s-socjeta intimate assorbiet x-xoghol li kien jaghmel l-appellant billi gie assunt u inferferx sia fuq il – management u sia fuq l-impjegati esistenti taghha stess.

Dana jista jigi definit bhala ristruturar fin-numru tal-impjegati relatat mar-realta' attwali tal- istat tal-operazzjoni lokali tal-Whitehall. Minflok baqa addett wiehed kien imexxi

l-prodott taghha l-istess operazzjoni giet riformata fuq elementi gia prezenti fil-kumpanija.

Illi gie allegat li dina kienet procedura b-skop uniku li jigi terminat l-impjieg tal- appellant. Jean-Pierre Miceli u Gordon Zammit xehdu l-kuntrarju. Gie anki minnu allegat li huwa jibqa seta jibqa impjegat u jaghmel xoghol l-iehor cioe bhal 'qualified person'. Jigi rilevat pero l- iskop principali li ghalih gie impjegat kien ghal –promozzjoni u biegh tal-prodotti Whitehall. Il-kariga ta qualified person kienet ancillan u mhux esklussiva ghal-appellant. Gie pruvat li ma hemmx ekonomikament vijabbli li jibqa jinzamm fl-impjieg. Il- persuni li gie lilhom assenjat id-doveri tieghu jew gia kienu fl-impjieg jew gie moghti bil- partime. Friedlander li kien imexxi aktar prodotti u doveri.

**Konkluzjoni:**

Jiddeciedi illi jiddikjara li l-impjieg tal-appellant minn mas-socjeta intimata gie terminat ghal raguni valida fil-ligi.

B' hekk din il-kwistjoni giet definittivament terminata. Ghal finijiet ta' tassazjoni qed jigi ffissat l-ammont ta Lm 40 lil-konsulenti tal-partijiet.

DR. JOSEPH P BONNICI LL.D
Chairman

Vera Kopja

Vincent Micallef
Segretarju